# IL-GĦELMA *

*(Tifkira tat-8 ta' Settembru, 1565)*

Għannu l-Ħarsien! lill-Qalbenin ta' darba,
mramma ġisimhom ta' qawwa bla qies!
Tfisser MEWT tas-SALIB jew tan-NOFS-QAMAR
it-TAQBIDA--Bandiera żżomm il-jies.

ABJAD—safa tal-qlub,
AĦMAR—dmija mxerrdin;
Qimu l-BANDIERA, u intom
tagħtu ġieħ lill-MEJTIN.

Ma jiswa xejn il-ward fuq it-TIFKIRA,
xejn il-kliem u l-bandieri mifruxin;
kollox duħħan jekk ta' kull wieħed minna
il-QALB mhix SAFJA ġo nirien ħajjin.

ABJAD--eċċ.

Aħilfu, mela, l-LUM, irġiel, tfal, nisa,
li tqimu lill-BANDIERA tas-SAFJIN:
GĦELMA!—iżda tfisser dak li kulħadd jifhem,
SEDQA 'l ALLA, 's-Sultan 'l-Art tal-Maltin.

ABJAD—eċċ.

DUN KARM

25-4-37

* *Mill-Ingliż ta' Miss May Butcher.*